

3. Kontra r-rapport ta' evalwazzjoni r-rikorrenti tinvoka erba' motivi:

- L-ewwel motiv ibbażat fuq kontradizzjoni fil-pożizzjoni tas-SEAE;
- It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tad-dmirijiet ta' imparzialità u ta' newtralità;
- It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tad-dmirijiet ta' assistenza, ta' premura u ta' amministrazzjoni tajba;
- Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-assenza ta' motivazzjoni u fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża.

(¹) Data kunfidenzjali mħollija barra.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Mejju 2020 – Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-335/20)

(2020/C 247/60)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Smolek, J. Pavliš, O. Serdula u J. Vláčil, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (EU) CCI 2014CZ06RDNP 001 tat-30 ta' Marzu 2020 li tissospendi l-pagamenti interim relatati mal-Programm għall-Iżvilupp Rurali tar-Repubblika Ċeka għall-periżodu 2014 sa 2020 u relatati mal-infiq tal-periżodu bejn is-16 ta' Ottubru 2018 u l-31 ta' Diċembru 2018 (ippubblikata taħt in-Numru C (2020) 1857 final);
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti tinvoka motiv uniku bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 41(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni (¹). Il-Kummissjoni tqis fil-fatt b'mod żbaljat li s-sussidju li miegħu huwa marbut il-pagament sospiż nġħata bi ksur tad-dispożizzjoni jiet legali nazzjonali. Madankollu, ma setax kien hemm ksur tad-dispożizzjoni jiet legali nazzjonali kkonċernati, peress li dawn assolutament ma jipprevedux it-tip ta' sussidju previst mill-pagament sospiż.

(¹) ĠU 2013, L 347, p. 549.

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Ġunju 2020 – Galván Fernández-Guillén vs SRB

(Kawża T-340/20)

(2020/C 247/61)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: José María Galván Fernández-Guillén (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: M. Romero Rey u I. Salama Salama, abogados)

Konvenut: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni